**527. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne jipproponi:-**

Wara li l-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ra l-Estimi tal-Uffiċċju tal-Kumissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-Sena 2021 ippreżentati mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, li kopja tagħhom tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra fis-seduta 368 tas-6 ta' Ottubru 2020;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Kummissarju personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħa tal-istess Kumitat li saret fis-17 ta' Mejju 2021;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati; u

Wara r-rakkomandazzjoni li saret mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra;

Il-Kamra tad-Deputati tapprova l-Estimi tal-Uffiċċju tal-Kumissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-Sena 2021 kif ippreżentati.

24 ta' Mejju 2021